MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 274/2004

**Alfred Hili & Co. Limited bhala importatrici tal-prodotti tal-marka GROHE, u David Spiteri Hili fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Friedrich Grohe AG & Co.KG**
**Vs**
**Master Electric Company Limited [C 5775]**

**Il-Qorti,**
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi David Spiteri Hili gie appuntat bhala mandatarju specjali f'isem is-socjeta' estera Friedrich Grohe AG & Co. KG u dan skond prokura datata 4 ta' April 2003, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AH 1;

U premess illi s-socjeta' Alfred Hili & Co. Limited tirraprezenta f'Malta s-socjeta' estera Friedrich Grohe AG

& Co. KG b'mod esklussiv, u ghal hafna snin ilha tbiegh f'Malta il-prodotti tal-marka GROHE li huma manifatturati mill-istess socjeta' estera Friedrich Grohe AG & Co. KG, u liema prodotti GROHE ilhom maghrufa sew mad-dinja kollha, inkluz f'Malta;

U premess illi sabiex tistabbilixxi ruhha fis-suq lokali b'dan il-mod, is-socjeta' Alfred Hili & Co. Limited inkorriet spejjez kbar ta' kapital inizjali, promozzjoni, publikazzjoni u tqassim ta' dawn il-prodotti;

U premess illi dawn il-prodotti jinbieghu f'kaxex tal-kartun b'illustrazzjoni tal-prodott fuqhom kif ukoll xi disinni bil-kulur fuqhom li juru l-mod kif jahdem il-prodott, u dan il-'get-up' illum il-gurnata jiddistingwi l-prodott tal-marka GROHE minn prodotti ohra;

U premess illi s-socjeta' konvenuta qed tiddistribwixxi *showers* u prodotti ohra simili ghal dawn tal-marka GROHE f'kaxex tal-kartun, li kif jiher car mid-dokument hawn anness (Dok. AH 2), u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma prattikament identici ghal dawk tal-marka GROHE, inkluz id-dimensjonijiet ta' tali kaxex, kif ukoll il-kuluri, id-disinni u l-illustrazzjonijiet ta' fuqhom, b'mod illi s-socjeta' konvenuta qeda tohloq konfuzjoni f'mohh il-konsumatur;

U premess illi l-prodott distribwit mis-socjeta' konvenuta ghandu sahansitra l-istess *serial/ model number* fuq il-kaxxa u l-istess *parts number* bhal dawk manifatturati mis-socjeta' Friedrich Grohe AG & Co. KG li huma distribwiti lokalment mis-socjeta' Alfred Hili & Co. Limited;

U premess illi minbarra dan, is-socjeta' konvenuta qieghda wkoll taghmel uzu u tbiegh il-prodotti taghha taht l-isem GROMIX b'disinn li huwa wkoll kwazi identiku ghal dak tal-marka GROHE u li jgib tlett linji mmewga ta' kulur celesti taht il-kelma fuq il-kaxxa l-bajda (Dok. AH 2) u erba' linji mmewga ta' kulur abjad taht il-kelma, fuq il-kaxxa c-celesta (Dok. AH 3);

U premess illi l-imsemmi disinn ta' linji mmewga u kif ukoll il-kelma GROHE oltre li ilhom jintuzaw mis-socjeta' Friedrich Grohe AG & Co. KG ghal zmien twil huma wkoll registrati f'Malta f'isem l-istess s-socjeta' bin-numru TM/21696 hekk kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Registrazzjoni mahrug mill-Kontrullur tal-Proprjeta' Industrijali, hawn anness u mmarkat bhala Dok. AH 4;

U premess illi in oltre, fost il-prodotti tal-marka GROHE li tiddistribwixxi f'Malta is-socjeta' Alfred Hili & Co. Limited, hemm prodott li jgib l-isem ta' 'GROHMIX' u dan kif jidher mill-katalgu tal-prodotti tal-marka GROHE (Dok. AH 5);

U premess illi d-disinn tas-*showers* u accessorji tal-istess li qed jigu mibjugha f'Malta mis-socjeta' konvenuta huma prattikament identici jew simili hafna ghal dawk manifatturati u distribwiti b'mod esklussiv mis-socjetajiet attrici, liema disinji huma registrati f'isem is-socjeta' Friedrich Grohe AG & Co. KG mal-International Industrial Design Registry, fi hdan il-World Intellectual Property Organisation (WIPO) (Dok. AH 6).

U premess illi s-socjetajiet attrici, sofrew, qedin isofru u ser ikomplu jsofru danni minhabba l-agir abusiv u illegali pratikat mis-socjeta' konvenuta li qieghda tinganna lill-konsumatur b'mod li jifhem illi l-prodotti genwini tas-socejtajiet attrici qeghdin jigu mibjugha u distribwiti mis-socjeta' konvenuta jew li l-imsemmija prodotti huma b'xi mod konnessi mas-socjetajiet attrici;

U premess illi b'dan l-agir is-socjeta' konvenuta qieghda tagixxi *in mala fede* billi qieghda tinganna l-konsumatur u tiehu vantagg finanzjarju a skapitu tas-socjetajiet attrici;

U premess illi dan l-agir illegali u abusiv tas-socjeta' konvenuta *inter alia* imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitoli 13, 416, u 417 tal-Ligijiet ta' Malta;
U premess illi s-socjeta' konvenuta interpellata permezz ta' protest gudizzjarju (kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AH 7) sabiex tiddesisti mill-agir abusiv u illegali taghha, izda din baqghet inadempjenti;

U premess illi ghalkemm permezz ta’ dikjarazzjoni datata 25 ta’ Gunju 2003 hawn annessa bhala Dok. AH 8 is-socjeta’ konvenuta obbligat ruhha *inter alia* li tirtira l-prodotti kollha li kienu simili ghal dawk distribwiti mis-socjetajiet attrici, l-istess socjeta’ konvenuta kompliet fl-agir abusiv u llegali taghha;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta il-ghaliex ma’ ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna li:

1. Tiddikjara illi l-agir tas-socjeta’ konvenuta jikkostitwixxi konkorrenza slejali skond il-ligi, bi ksur *inter alia* tad-disposizzjonijiet tal-Kapitoli 13, 416, u 417 tal-Ligijiet ta’ Malta, man-negozju tas-socjetajiet attrici in vjolazzjoni tal-jeddijiet esklussivi tal-istess socjetajiet attrici ghall-uzu tal-ismijiet, marki, ‘get-up’, sistemi u disinji registrati u f’isimhom u minnhom uzati;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex tieqaf minnufih milli taghmel uzu fi kwalunkwe mod fil-kummerc taghha ta’ l-ismijiet, marki, ‘get-up’, disinji u marki distintivi ohra li huma simili jew l-istess bhal dawk tal-marka ‘GROHE’, tant li jwasslu ghal konfuzjoni u/jew ingann tal-konsumatur, u kif ukoll ta’ dawk il-prodotti li jgibu l-marka ‘GROMIX’ u tinibihom definittivament milli jaghmlu uzu mill-istess;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tikkonsenja lis-socjetajiet attrici jew lil persuna ohra li tiddistina l-Qorti, fi zmien qasir u perentorju, it-tikketti, moduli u kwalunkwe materjal iehor stampat jew xort’ ohra li jirraprezentaw jew jaghmlu uzu minn ismijiet, ‘get-up’, disinji u marki distintivi ohra li huma simili jew l-istess bhal dawk tal-marka GROHE, kif ukoll dawk il-prodotti li jgibu l-marka GROMIX, inkluzi dawk il-prodotti li ddistibwew lil terzi u li ghadhom fis-suq, u dana biex ikunu distrutti skond il-Ligi, salv li l-Qorti taghti kull provvediment iehor li jistghu fic-cirkostanzi tal-kaz inehhu l-atti illegali u frawdolenti tas-socjeta’ konvenuta li bihom saret il-konkorrenza slejali u l-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitoli fuq imsemmija;

4. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni li sofrew, qedin isofru u ser ikomplu jsofru s-socjetajiet attrici kagun tal-agir abusiv u illegali sudett pratikat mis-socjeta' konvenuta.

5. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni kollha sofferti u li qed isofru u jistghu isofru is-socjetajiet attrici minhabba l-agir illegali u abusiv tas-socjeta' konvenuta;

6. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju sudett, u tal-mandat ta' inibizzjoni li qed jigi pprezentat kontestwalment mal-prezenti, u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess socjeta' konvenuta, ir-rapprezentant legali ta' liema huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi ghal-kull buon fini u effett tal-Ligi u in linja preliminarja u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet segwenti l-attur nomine ma jsemmiex liema huma d-disposizzjoni tal-Ligi jew anki il-Ligi stess li minnhom hemm xi allegat ksur u ghalhekk it-talbiet huma nulli u bla effett.

2. Illi t-talbiet attrici nomine huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan stante illi s-socjeta' konvenuta mhiex qieghda tbiegh dawn l-allegat l-prodotti u bl-ebda mod il-prodotti li qeghdin jbieghu s-socjeta' konvenuta mhuma jwasslu ghal konfusjoni jew ingann ghall-konsumatur liema ingann jew konfuzjoni irid jigi ppruvat mis-socjeta' attrici nomine;

3. Illi bl-ebda mod l-attur ma ghandu xi marka registrata taht l-isem Gromix jew li jiddistribwixxi xi prodotti taht dan l-isem u ghalhekk l-attur nomine ma jistax jippretendi li l-konvenut jigi inibit milli juza l-isem tieghu

Gromix u ghalhekk ma hemm ebda att illegali u frawdolenti tas-socjeta’ konvenuta li biha saret xi allegat konkorrenza slejali.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li fl-udjenza tal-4 ta’ Gunju 2004 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghad-data tallum;
Ikkunsidrat;
Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, li hi fis-sens li t-talbiet attrici huma nulli u bla effett peress li “l-attur nomine ma jsemmix liema huma d-disposizzjoni [recte: disposizzjonijiet] tal-ligi jew anki l-ligi stess li minnhom hemm xi allegat ksur.” [Fol.34].

In propositu huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet guridici:

Illi fl-Artikolu 156 [1] tal-Kap.12 il-ligi tesigi li c-citazzjoni “ghandu jkun fiha – [a] tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba; u [b] it-talba jew it-talbiet, li ghandhom ikunu numerati. [kif ukoll] Flimkien mac-citazzjoni ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba.”

“Imkien fil-ligi mhu impost l-obbligu fuq l-attur li fic-citazzjoni jindika liema kienet il-ligi li kellha tigi applikata ghall-fatti li kienu jifformaw il-meritu tat-talba tieghu …. Il-ligi tesigi biss tifsira cara u sewwa tal-fatti li minnhom torigina l-kawza u l-kawzali li jaghtu lok ghall-istess talba u jiggustifikawha” [Vol.LXXXII.II.726].

Illi fuq l-istregwa tal-massima ubi lex voluit lex dixit, mhux permess li jizdiedu rekwiziti li mhumiex kontemplati mill-ligi, bhala raguni ghal-validita’ tal-att tac-citazzjoni.

Illi fil-meritu l-Qorti tirrileva li f’ dan il-kaz, kif ssottometta tajjeb id-difensur tal-atturi, “ic-citazzjoni hija bizzejjed cara sia fl-oggett u sia fir-raguni tat-talba ai termini tal-ligi”, u ghalhekk konformi mad-dettami tal-ligi.

In fine jigi osservat li f’ materja ta’ eccezzjonijet ta’ nullita’ ghandu japplika l-principju “ut magis res valeat quam pereat” [Vol.LXXXII.II.1305].

In vista tal-premess, kif ukoll in vista tal-fatt li fl-ewwel talba attrici hemm indikata il-ligi u l-artikoli formanti l-bazi tat-talba taghha, l-eccezzjoni in disamina hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrispingi l-ewwel eccezzjoni, bl-ispejjez a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------